**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Jason Zammit**

Numru: 70/2008

Illum 27 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jason Zammit,** ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Vincent u Rita nee' Spiteri, imwieled Victoria, Ghawdex fid-29 ta' April, 1974 u li joqghod fl-indirizz 'Jassyl', Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10174(G), akkuzat talli fl-Lulju 2008, u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, b'deversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a) approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn erbgha (4) quad-bikes' bil-valur ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u

tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Brian Gulliemier u Charles Bianco, liema 'quad-bikes' gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema 'quad-bikes' gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

Kif ukoll sar recidiv ghat-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigi mibdula;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 109) datata 22 ta' Marzu 2010 li permezz taghha baghat lill-imputat Jason Zammit biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2011 (*a fol.* 118), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-22 ta' Marzu 2010, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Il-Qorti l-ewwel nett se tara x'jghidu l-Artikoli ndikati qabel tara jekk ghandhiex tinstab htija jew le fil-konfront tal-imputat.

*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għall-persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata*

*jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il- piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

*310. (1) Fil-każijiet imsemmijin f'dan is-sub-titolu -*
*(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), il-piena tkun ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin;*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Enrico Petroni et** deciza fid-9 ta' Gunju 1998.

F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat:

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor".*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffré (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. **Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:*

*Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo...Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non*

*avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

Illi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' approprjazzjoni bla jedd, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li dawn l-elementi gew sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant, l-imputat se jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ricediva:**

Skont ġurisprudenza kostanti, il-prova tar-reċidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija;

*'billi tiġi esibita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva u wara issir il-prova tal-identita'. L-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l-eżenzjoni mogħtija mill-akkużat li tipproduċi prova tal-identita'. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tissemma' fl- akkuża, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-aħjar prova dwar jekk verament preċedentement l-akkużat kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu ġie misjub ħati.*

*Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti.'*[1]

Ma' din is-silta mis-sentenza li għaliha saret riferenza l-Qorti qed izzid:

*'li l-prova tar-reċidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifsu tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal- identita'. Dan in-numru jkun jista'*

[1] **Pulizija versus Carmelo Fenech** – Qorti tal-Appell Kriminali 8 ta' Frar 2005 Volum' LXXXIX Part IV paġina 287 et.

*jitqabbel ma' dak li jkollu l-imputat jew l-akkużat. Ma jistax ikun hawn żewg persuni li jkollhom l-istess nurmu tal-identita'.*[2]

Kwantu għall-addebitu tar-recidiva, din il-Qorti tqis ukoll li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz tagħha sal-grad rikjest mil-Ligi. Biss din il-Qorti fic-cirkostanzi tal-każ qiegħda teżercita' d-diskrezzjoni tagħha u mhix qiegħda zzid il-piena bi grad skont l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

**Xoghol fil-komunita' u hlas lura:**

Din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-imputat għandu jpatti għal għemilu mhux biss billi jrodd lura lill-*parte civile* l-valur fi flus tal-oggetti kollha li approprija ruhu minnhom stante li l-gravita' ta' dak li wettaq jimmerita sentenza ta' prigunerija. Iżda il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz, ikun aktar aħjar għas-socjeta' u l-*parte civile* jekk l-imputat ikompli jahdem u b'hekk ikollu minn fejn ikompli jhallas lill-vitmi il-bilanc kollu tal-flus tal-oggetti meħuda minnu indebitament.

Mill-banda l-oħra huwa meħtieg pero' li l-ħati jifhem kemm huwa ħazin dak li għamel u li għalih issa jrid ihallas lis-socjeta' li huwa offenda bir-reati tieghu billi, jirrendi ruħhu socjalment utli u jaghmel għadd twil ta' siegħat ta' xogħol lil min hu fil-bzonn mingħajr ma jithallas tiegħu; u fl- istess ħin ma jkunx ta' aktar piz fuq is-socjeta'.

**DECIDE**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294 u 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qiegħda ssib lill-Imputat ħati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u wara li rat ukoll l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, minflok tagħti piena ta' prigunerija kontra l-imputat, meta ħadet kont ukoll tal-valur tal-oggetti approprijati, qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn (200) siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas- Servizzi tal-Probation u Parole

[2] Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012 Appell Kriminali Numru. 332/2011 Il-**Pulizija Vs Joseph Darmanin** deciza mill-Imhallef Lawrence Quintano.

u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita' kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat ieħor huwa, jista' jinghata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita' bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal tal-Probation assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna lill-ħati sabiex ihallas lill-*parte civile* Brian Gulliemier u Charles Bianco s-somma bilancjali ta' hdax-il elf u tnax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€11,012.25) rapprezentanti d-danni sofferti minħabba r-reat li wettaq il-hati u dan fi żmien sitt (6) xhur.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**